# 23 ta' Ġunju, 1565

*Lil* Laurent Ropa
*poeta u romanzier.*

Sant Jiermu waqa'. Minn ġo tinda mwarrba
Dirgħut, midrub, jisma' l-aħbar sabiħa,
U qabel tnin minn sidru l-aħħar karba
Tidher tbissima fuq xuftejh ferrieħa.

"Ja Sidi nizżikħajr għal mitt elf darba,"
Jitlob Dirgħut—"għalkemm xortija xħiħa,
Jien rajt qabel ma mitt lil Malta mħarrba;
Minn ġo fortizza tagħha tassew sħiħa.

Imbagħ'd xħin sħabu mitlufin bħall-bhejjem,
Bil-mewt jitħallsu kienu mill-mirbuħa,
Huwa għalaq għajnejh fin-ngħas ta' dejjem.

U s-swar ta' Malta bil-Maltin imdewda
Raw fuq Sant Jiermu lwien it-Tork miftuħa:
'Ma fuqhom kienet tibki faxxa sewda.

Għawdex.

ĠORĠ PISANI

It-23 ta' Ġunju 1565 huwa aktarx il-jum l-aktar sensazjonali fil-ġrajja ta' l-Assedju l-Kbir. Fih iż-żewġ naħiet kellhom rebħa u telfa li ssarraf ħafna. Il-Maltin tilfu 'l Sant Jiermu u t-Torok lil ġeneral Dragutt, wieħed mill-mexxejja ta' l-Assedju. Il-ferħ tal-Musulmani dak in-nhar li rebħu Sant Jiermu ma setax ikun sħiħ imħabba l-mewt tal-ġeneral tagħhom.